Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAL-HAMES LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 28 ta' Mejju 2012 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | | |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO (skużat għax imsiefer) |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Seduta giet mmexxija mis-Sur Stefan Cordina, Sindku. Is-Sur Herbert Messina Ferrante nforma lis-Segretarju Ezekuttiv li kien ha jkun ftit tard. Preżenti għal laqgħa kien is-Sur Reuben Caruana, sid l-MFCC u spjega is-sistema tas-sound b'10 speakers mdahhlin ġo xulxin. Qal li t-teknologija teżisti u li l-attivitajiet jew events jibdew tard filgħaxija, jispiċċaw f'xi nofs illejl u ġieli jibqgħu sejrin sal-4 ta' filgħodu. Hu qal li saħansitra għamel meetings mal-Pulizija, li r-Razzett l-Aħmar (ex: Goldfinch) qed idoqq ukoll. Hu qal li hu konxju mill-Events tiegħu minħabba li hu wieħed mill-akbar postijiet li jilqa' l-iktar nies, 22,000 bilqegħda u bilwieqfa. Qal li hemm differenza bejn il-mużika, it-temp kif ukoll l-umdita' tilgħab ħafna f'każi bħal dawn. Qal li hu għandu sound engineer minħabba li din hi waħda mir-regolamenti mposti. Qal li fil-White paper hemm imniżżel kollox fuq il-ħsejjes imma xejn fuq sound. Qal li jeżisti apparat (amplifier) bi presets li jiswa xi €300 fejn il-Pulizija tistabblixxi l-livell tas-sound pereżempju 6db's u wieħed jista' pereżempju jitfgħu 5db's u allura jekk ikun hemm xi query is-sound jiġi reġistrat skond kemm kien. Qal li sar sampling u ġie rrekordjat mill-Blata l-Għolja fej irriżulta li kien ħiereġ mir-Razzett l-Aħmar, beda jdejjaq lin-nies tal-Mosta u l-Pulizija tal-Mosta malli ssemmilhom sound jgħidulek jew MFCC jew Numero Uno jew Gianpula u mentri jkun ir-Razzett l-Aħmar. Qal li llum kif tidħol f'post ikollok apparat li jkejjel is-sound minħabba li jekk ikollok sound għoli jista' jifqalek it-tnabar ta' widnejk. Is-Sur Marco Spiteri daħal f'dan il-mument. Is-Sur Caruana kompla billi qal li s-sound jinbidel u fil-hemda u bl-umdità jwassal ħafna, li mhux il-volum trid tbaxxi imma t-trebble u l-mid-range għax il-base ma jimxix. Qal li l-MFCC qiegħed taħt permess ta' tinda li jarma każin tal-banda, li għandu temperatura li trid tikkontrolla għax tinda bħal din tagħmel is-sħana ukoll. Din it-tinda qas il-fosos ma tesaha, fiha qoxra li l-base ma joħrogx imma t-trebble iva. Is-Sur Caruana qal li fl-14 t'Awissu ma kienx hemm ilment wieħed u kien fl-apert u s-sound kien 16db's u fl-1 tas-sena kellu 3db's biss u allajbierek ilmentaw, pero' affettwa wkoll il-fatt li kienet ix-xitwa, il-hemda u n-nies kienu kwieti d-dar. Qal li l-Gvern qed imexxi dawn it-tip t'attivitajiet, iġib l-Isle of MTV etc… u mbagħad wara kulħadd igerger. Bil-liġi vera ma tista' ddejjaq il-ħadd imma irid ikun hemm il-kejl u sound metre isolvi dan. Qal li lest li jġib inġinier barrani biex ma jkunx Malti u magħruf u jkejjillu s-sound. Dott. H. Messina Ferrante daħal f'dan il-waqt. Is-Sur Borg saqsa jekk jistax jixtri dan l-apparat. Is-Sur Caruana qal li hu diġa' għandu dan l-apparat imma m'hemm xejn fil-liġi li tirregola s-sound. Is-Sur Spiteri qal li mhux sewwa li s-Sur Caruana jgħid li sakemm m'hemmx liġi u kejl ma tista' tagħmel xejn! Qal li dan mhux sewwa għax ġewwa r-raħal tagħna hawn djar tal-anzjani u nies oħra li jridu jorqdu bil-lejl. Is-Sur Messina Ferrante qal li li minn Triq in-Nutar Zarb hu jismagħhom u li hu moralment

marbut li ħadd ma jista' jdejjaq lill-ħadd. Is-Sur Ralph Cassar saqsa jekk noħorġux il-permessi aħna. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mill-Kunsill toħroġ No objection biss u f'din in-no objection ma jidħolx fiha x'sound għandu jkollu. Is-Sur Ralph Cassar qal li nistgħu nirrifjutaw u mbagħad naraw. Is-Sur Marco Spiteri qal li għall-okkażjoni ta' lejl għat-Tard għax qbiżna s-siegħa ta' filgħodu tgħidx kemm ġrew warajna il-Pulizija. Is-Sur Stefan Cordina qal li l-Kunsill ma jirregolax permessi u liċenzji. Is-Sur Marco Spiteri ppropona li ssir petizzjoni li tintbagħat fid-djar kollha tan-nies u tiġi ritornata lil Kunsill u wara jsir appuntament mal-Ministru konċernat sabiex din tiġi preżentatha lilu. Is-Sur Herbert Messina Ferrante qal li aħjar ma ndaħħlux Kunsilli oħra. Is-Sur Alfred Zammit qal li jispera li din il-petizzjoni tingħata attenzjoni filwaqt li s-Sur Stefan Cordina qal jew din tintefgħa fuq l-ixkaffa u ma jsir xejn.

.

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI.**

Il-minuti ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet.

**2. KORRISPONDENZA**

🗁 E-mail mingħand Liana Cortis fejn qed tistaqsi lil Kunsill jekk hux interessat li jiġu organizzati klassijiet ta' zumba.

🗁 E-mail mingħand Alan Joseph Buhagiar fejn qed jistieden lil Kunsill sabiex jieħu sehem f'Town twinning projects – Europe for Citizens. Il-Kunsill diġa' qed jagħmel arranġamenti sabiex isir ġemellaġġ ma' belt fi Franza. Għaldaqstant il-Kunsill ser jiġi bżonn dawn il-fondi.

🗁 Briefing mingħand is-Sur Alan Joseph Buhagiar, MEUSAC rigward il-laqgħa li membri tal-MEUSAC kellhom fil-laqgħa preċedenti.

**3. RAPPORT XOGĦOLIJIET**

Is-Sur Cordina qal li fi Ġnien Ħal Warda ġiet installata CCTV u x-xogħol fuq dan il-ġnien wasal kważi fil-final. Qal li qabel Jum Ħ'Attard, dan il-ġnien ser jitnaddaf sabiex kull ma jibqa' biex dan jitlesta huma t-turġien, ix-xatbiet u tlett arbli tad-dawl. Xogħolijiet oħra għaddejjin bir-rutina tas-soltu fosthom il-manutenzjoni tal-ġonna, iż-żebgħa ta' toroq fl-area Għenieqed, Katlan, Inbid, etc… filwaqt li qiegħed f'arranġament mal-perit sabiex sa fl-aħħar jiġi eżaminat il-bir ta' ħdejn il-Qasam tal-Bini tal-Gvern u jsiru it-tiswijiet strutturali meħtieġa.

**4. KAMPANJA GREENPAK**

Is-Sur Cordina qal li kellu laqgħa mal-Greenpak fejn ser issir kampanja edukattiva li fiha, wara ser jiġu mgħarfa r-residenti fuq l-iskema ġdida ta' ġbir ta' skart riċiklat. Is-sistema ser tkun tinkorpora li r-residenti ser jiġu mgħotija reċipjent li fih jitfgħu il-ħġieġ u jibda jinġabar darba fi ħmistax minn wara l-bieb filwaqt li s-sistema tal-iskart riċiklat tibqa' l-istess. Is-Sur Ralph Cassar issuġġerixxa li jsir kalendarju meta se jsir il-ġbir u jintbagħat fid-djar filwaqt li nfakkru n-nies fuq Eko-Festa.

**5. JUM Ħ'ATTARD – NOMINI GIEĦ Ħ'ATTARD**

Is-Sur Cordina qal li din is-sena kien hemm nuqqas ta' nomini u li l-Kunsill irċieva żewġ nominazzjonijiet biss: Grupp Ħjata Damask u Għaqda Armar Mastru Karm Debono. Is-Sur Gerry Borg propona li l-Ġieħ jingħata lil Grupp Ħjata Damask. Is-Sur Marco Spiteri qal li fl-opinjoni tiegħu dan il-Ġieħ għandu jingħata lil min ta kontribut kontinwu fuq tul ta' żmien filwaqt li l-ħjata tad-damask saret darba waħda biss u mhix xi ħaġa kontinwa. Is-Sur Borg qal li l-ħjata ta' dan id-damask kienet xi ħaga ta' kapaċita kbira u għalhekk jistħoqilhom li jieħdu dan il-ġieħ. Is-Sur John Bonnici ppropona li jingħata lit-tnejn bħal ma kien sar mill-Kunsill ta' Ħal Lija. Is-Sur Messina Ferrante qal li x-xogħol li jagħmlu l-Għaqda Armar Mastru Karm Debono hija arti filwaqt li s-Sur Borg qal li jekk il-Grupp Ħjata Damask jingħata l-Unur, jista' dejjem jingħata l-Ġieħ is-sena d-diehla. Għalhekk sar qbil li l-Ġieħ jingħata lil l-Għaqda Armar Mastru Karm Debono filwaqt li l-Unur imur għal Grupp Ħjata Damask, l-Eks Sindku Norbert Pace, l-Eks Kunsilliera Luisa Gauci Baluci, il-Pulizija

Robert Vassallo filwaqt li s-Sur Marco Spiteri propona wkoll u s-Sur Bonnici ssekonda li Unur Ħ'Attard jingħata wkoll lis-Sur Tony Borg. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**6. *MANAGEMENT LETTER* – RISPOSTA TAS-SINDKU**

Ġiet preżentatha l-Management letter u saret spjegazzjoni fuqha, item, item. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Marco Spiteri ħadu xi punti fuq kif għandha tingħata r-risposta item, item. Kopja ta' din ir-risposta tinsab mehmuża ma' dawn il-mintui.

**7. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI APRIL**

Saru xi mistoqsijiet mill-Kunsilliera fuq l-ispejjeż tal-ħruġ tal-anzjani filwaqt li s-Sur Alfred Zammit rega' rrimarka li ma jaqbilx mal-ispiża tas-salarju tas-Sinjura Julie Cachia. Ġie spjegat li l-ispejjeż konnessi mal-ħruġ u attivitajiet tal-anzjani qed jiġu monitorjati minħabba li issa dawn l-attivitajiet waslu fi tmiemhom, għalhekk għas-sena l-ġdida ser ikun hemm kontroll fuq l-infieq konnessi mal-prezzijiet tat-trasport u tal-ikel.

Is-Sur John Bonnici, is-Sur Marco Spiteri u s-Sur Messina Ferrante ħallew il-laqgħa f'dan il-mument. Is-Sur Bonnici għadda kopja tal-punti mqajjma bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv. L-istess ħaġa għamel is-Sur Raymond Azzopardi imma s-Sur Azzopardi baqa' preżenti sal-aħħar sakemm il-laqgħa ġiet aġġornata.

**8. PUNTI MQAJJMA**:

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Proposta għall-emenda fl-iskeda tal-knis li minn darba tlett darbiet fil-ġimgħa l-village core u darba fil-ġimgħa l-kumplament tat-toroq jiġu kollha għal darba kull ħmistax b'ġimgħa nofs ir-raħal u fil-ġimgħa l-oħra l-kumplament ta' nofs ir-raħal l-ieħor. Is-Sur Borg preżenta wkoll kopja tal-iskeda l-ġdida tal-knis u qal li kopja tagħha kien diġa' għaddiha lil ħaddiema tal-kuntrattur.

Is-Sur John Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Staqsa meta ser titlesta Triq Xatbet l-Art
- Ġibed l-attenzjoni li fi Mdina Road ħdejn il-Mixtla hemm tappiera fi stat ħażin u li qegħda ta' periklu għal karozzi.
- Staqsa ukoll jekk it-Tender tal-Qasam tal-Bini tal-Gvern li jammonta għal €75000 ħariġx u jekk le meta ser joħroġ.
- X'ġara fir-rigward tax-xogħol fuq il-bir fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern u jekk il-Perit niżilx jara l-istruttura tal-bini. Dan l-item ġie diskuss.
- Talab sabiex issir żabra ħdejn il-ħanut tal-videos u ħanut żgħir bejn Triq id-Deffun u Triq il-Kromb.
- L-iżball li sar fil-kejl tal-ġnien safa lill-Kunsill €38,000.

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Li hemm bżonn aktar edukazzjoni dwar; żamma għall-indafa, ħarsien tar-regolamenti fejn qed isiru xi kostruzzjonijiet, żamma għall-neighbourhood watch mar-raħal kollu, u ħarsien tar-regolamenti fis-sewqan, speċjalment qalb il-bini u għal pedestrians.
- Immaniġġjar aħjar ta' traffiku biex jiġu eliminati aċċidenti, speċjalment fejn hemm xi istituzzjonijiet, eż; sinjali mal-art fir-roundabouts fit-Triq Sta. Katerina.
- Talab għal aktar 'natural landscaping' eż: jitħawwlu/jinżeraw siġar jew pjanti indiġeni.
- Staqsa ukoll rigward il-bokka miftuħa tal-bir fejn il-Qasam tal-Bini tal-Gvern.

**7. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.30pm għas-27 ta' Ġunju fis-6pm.

__________________________ ________________________

Sindku Data